Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,143, 3 ta' Novembru, 2023
Taqsima B

A.L. 258 tal-2023

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Stati Membri tal-UE)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 628A tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Stati Membri tal-UE) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Stati Membri tal-UE), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 9.18.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (d) tas-subregolament (8) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "li stabbilixxew it-tim." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li stabbilixxew it-tim:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali għall-għanijiet imsemmija fil-paragrafi (b), (ċ) u (d) għandu jsir skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tad-Data (Ipproċessar ta' Data Personali minn Awtoritajiet Kompetenti għall-Finijiet tal-Prevenzjoni, l-Investigazzjoni, is-Sejbien jew il-Prosekuzzjoni ta' Reati Kriminali jew l-Eżekuzzjoni ta' Pieni Kriminali).". L.S. 586.08.